MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2004

Ċitazzjoni Numru. 329/1983/1

John B. Cassar
vs
Peter Muscat Scerri u Joseph Vella, bhala Diretturi u in rappresentanza tas-Socjeta` Rimus Riley Limited

Il-Qorti,

CITAZZJONI:
Rat ic-citazzjoni tal-attur li biha ppremetta:

Peress li s-socjeta` konvenuta fuq sentejn ilu kienet sejra taghmel installazzjonijiet ta' servizzi u impjanti fil-fabbrika taghha f'Bulebel u ghal dan l-iskop inkarigat lill-attur bhala "consultant engineer".
Peress li meta x-xoghol kien avvijat sewwa, il-kompressur zviluppa difett mekkaniku u l-konvenuti ippretendew li ghal dan id-difett kien responabbli l-attur.

Peress li l-attur spjega lill-konvenut nomine li hu ma kellu ebda tort u rrifjuta kull responsabbilta` li giet addebitata lilu.

Peress li ciononostante l-konvenut nomine ittermina l-kuntratt ma' l-attur u permezz tal-avukat tieghu kiteb lill-attur li t-terminazzjoni kienet saret minhabba "misbehaviour" ta' l-istess attur - espressjoni li toffendi r-reputazzjoni ta' l-attur.

Peress li l-attur bl-ebda mod ma iddeporta ruhu hazin u ghalkemm il-konvenut nomine gie mitlub jispjega ruhu baqa' sal-lum ma rcieva ebda risposta.

Peress li l-konvenut nomine ittermina l-kuntratt ma' l-attur minghajr gusta kawza u ghalhekk, bhala inadempjenti, l-istess konvenut nomine hu responsabbli ghad-danni li sofra l-attur.

Peress li l-konvenut nomine naqas li jhallas lill-attur tax-xoghol li lahaq ghamel u ghalhekk id-danni jikkomprendu l-kumpens dovut lill-attur kif ukoll dak li kien ikun haqqu kieku spicca l-inkarigu tieghu.

L-attur talab lill-Qorti:

1. Tiddikjara li l-konvenut nomine ittermina l-inkarikgu ta' l-attur minghajr gusta kawza u b'mod offensiv ghall-attur.

2. Tiddikjara li per konsegwenza l-konvenut nomine kien responsabbli ghad-danni li sofra l-attur.

3. Tillikwida l-istess danni, liema danni jikkonsistu kemm fid-"damnum emergens" kif ukoll fil-"lucrum cessans".

4. Tikkundannah ihallas lill-attur id-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez min-notifika tal-ittra ufficjali tat-8 ta' Marzu 1983 u bl-ispejjez, komprizi dawk ta' protest prezentat fl-4 ta' Mejju 1981 u ta' l-istess ittra ufficjali.  Il-konvenut nomine gie ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda tal-attur.

ECCEZZJONIJIET:
Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti li eccepew:

Illi l-kuntratt ta' appalt bejn il-kontendenti gie terminat minhabba li l-attur naqas li jottempera ruhu mal-kundizjonijiet u obbligi kontrattwali.

Illi stante li l-kuntratt gja ezistenti bejn il-partijiet kien dak ta' appalt l-ewwel talba ta' l-attur ghad-dikjarazzjoni illi l-inkarigu gie terminat "minghajr gusta kawza u b'mod offensiv" m'ghandha ebda bazi legali.

Illi jekk kien hemm xi hadd li sofra danni dawn kienu l-konvenuti bhala rizultat ta' xoghol mhux ezegwit professjonalment da parti ta' l-attur.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda tal-konvenuti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

PROVI:
Xehed l-attur u kkonferma d-dikjarazzjoni guramentata mac-citazzjoni. Semma li kien inqala' l-inkwiet bejn is-Sur Muscat Scerri u l-kuntrattur dwar il-prezz tal-cable u min kien ser ihallsu u qal li kien gie deciz li jigi provdut mis-Sur Muscat Scerri. Semma li dakinhar stess tah il-pjanti tal-controls tal-makkinarju fil-fabbrika biex dawn jigu skond ir-regolamenti. Qal li kien informa lis-Sur Leo Xuereb li l-equipment necessarju kienu gew nieqsa minn barra. Semma li mit-22 ta' Novembru sad-9 ta' Dicembru x-xoghol kien gie sospiz minhabba li l-makkinarju ma kienx kollu available. Fl-10 ta' Dicembru l-makkinarju kien wasal u tpogga f'postu u l-Inginier Awstrijak ezamina l-istallazzjoni u ddikjara quddiem il-kuntrattur illi x-xoghol kien sodisfacenti. Semma li kien gie infurmat li ma kienx

qieghed johrog gas bizzejjed mill-forn ghax ir-regulators li gabu ma kienux addattati. Qal li ghamel arrangament ma' l-EneMalta u gab regulators addattati ghal dak il-forn. Semma wkoll li meta marru biex ihaddmu l-wafer spreading machine kien hemm difett fil-control circuit tal-magna. Qal li sab x'kien id-difett u sewwieh u wara s-Sur Muscat Scerri qal li hu kien kissirlu c-cylinder head u kien keccieh 'il barra mill-fabbrika bil-Pulizija.

Xehed Saviour Vella u qal li meta nqalghet il-kwistjoni bejnu u bejn Mr Muscat Scerri fuq ix-xiri tal-cable u min ser ihallas, bl-intervent ta' l-attur gie deciz li jixtrih is-Sur Muscat Scerri. Dwar xoghol extra kkonferma li fl-intervalli kien waqaf minhabba li l-makkinarju ma kienx ghadu wasal kollu. Dwar il-kwistjoni bejn is-Sur Muscat Scerri u l-attur qal li waqt il-Commissioning tal-Makkinarju, il-Wafer Cooling/Spreading Machine giet bil-Control Board bil-parti ta' l-elettriku bil-hsara minn barra. Semma li s-Sur Muscat Scerri qabbad lill-attur jiccekkja l-hsara u qallu li Inginier tajjeb ma kellux ghalfejn idum biex jillokalizza l-hsara. Meta l-attur sab il-hsara u li kienet fil-Control Board u li l-magna setghet tahdem, is-Sur Muscat Scerri beda jghajjat ma' l-attur li kien kisser il-kumpressur u kecca lill-istess attur mill-fabbrika bil-pulizija. Zied jghid li wara li telaq l-attur, il-magna bil-kumpressur b'kollox hadmet normali u ma kienx hemm bzonn ta' tiswija fuqha. Qal li thallas circa Lm4,000 ta' xogholu.

Xehed Peter Muscat Scerri u semma li d-ditta tieghu xtrat impjant komplut minghand Haas ta' l-Austria u qabbad lill-attur bhala inginier biex ihejji l-installazzjoni u biex jahseb ghal materjal necessarju ghal dak l-impjant. Gie pprezentat affidavit ta' Peter Muscat Scerri li fih intqal li lejn l-ahhar tal-1980, id-ditta tieghu ddecidiet li tixtri mpjant komplut li jaghmel il-wafers, u kien gie deciz li jigi mqabbad Inginier lokali f'dan il-kaz, B. Cassar biex ihejji l-installazzjoni. Semma li d-ditta ta' barra kienet ipprovdiet 'drawing' dettaljat dwar l-installazjoni. Spjega wkoll li kien gie miftiehem verbalment li l-hlas tas-Sur Cassar kellu jkun il-hlas baziku ta' dak iz-zmien, 6% fuq it-total tal-'Bill of Quantities', li kienet il-mizata ghan-nies professjonali. Qal li gie miftiehem ukoll mas-Sur Cassar li l-kumpanija

Haas, minn barra kienu ser jibaghtu inginier taghhom biex jistartja l-impjant, u ma kienx kompitu ta' l-Inginier Cassar jew ta' haddiehor li jistartja l-impjant. Qal li gie miftiehem li l-inginier tal-kumpanija Haas kellu jithallas Lm120 kuljum, li kellu jaghmel biss erbat ijiem. Zied ighid li meta gie l-inginier tal-Haas kien sab li l-provista tal-elettriku kienet baxxa wisq biex tlahhaq mal-impjant, u s-Sur Cassar naqas milli jiehu konsiderazzjoni ta' dan il-punt, u ghalhekk kellhom japplikaw il-Malta Electricity Board, li dam erbat ijiem biex isir. Kompla ighid li l-wires li jwasslu lejn l-impjant kellhom ukoll jithaxxnu, u dan kien kompitu wkoll tal-inginier Cassar. Qal li waqt l-installazzjoni, intebhu li s-Sur Cassar kien qed ixewwex lill-inginier tal-Haas, minflok ighinu peress li hu kien qed jaqla' biss il-kwart ta' dak li kien ser jaqla l-inginier tal-Haas. Semma li meta l-inginier ta' Haas gie biex ihaddem l-impjant, intebah illi s-Sur Cassar kien naqas milli jinstalla "Star Delta", li kienet mehtiega biex tassigura li meta jinxtel l-impjant, kienet tinzamm l-istess livell ta' provvista tal-elettriku, u ghalhekk is-Sur Cassar rega' naqas bil-kbir fil-professjoni tieghu. Spjega, li f'gurnata minnhom, l-inginier barrani kien qieghed jahdem fuq il-'Wafer Cream Chiller' meta dahal is-Sur Cassar fil-fabbrika u staqsa x'kien sar, u xi hadd irrispondieh li kull magna kienet qeghda tahdem u jonqos biss li jinxtel il-kompressur. Qal li s-Sur Cassar mar u qabad u xeghel il-kompressur, ghalkemm kien jaf tajjeb li hadd ma kien awtorizzat li jixghel l-ebda magna minhabba li din kienet ir-responsabbilta' tal-inginier barrani, u wara ftit tal-hin, il-kompressur kien jahdem. Semma li s-Sur Cassar naqas li jiftah l-ilma li ghalhekk waqaf. Qal li hu kien prezenti waqt dan kollu u ma setghax jittollera iktar l-attitudni tas-Sur Cassar. Qal li hu beda ighajjat u kien ordna lis-Sur Cassar jitlaq 'il barra mill-fabbrika, u hu beda jirrifjuta li jitlaq, u sahansitra sejjah lill-pulizija biex johorgu lil Cassar 'il barra. Semma grajja ohra, waqt li Cassar kien ghadu jahdem fuq il-progett, fejn qal li gurnata minnhom laqatlu hafif il-karozza tieghu fil-parking area. Qal li hu mar talbu skuza u qallu li ser jaghmel talba mal-insurance biex tissewwa l-hsara, u kien talbu bla misthija ta' xejn xi hsarat li Cassar diga' kellu fuq il-karozza tieghu u qallu li hu ma kien jaghmel minn dawn l-affarijiet. Qal li l-kumpanija sofriet hsarat li

jammontaw ghal Lm2354 bhala rizultat dirett tal-inkompetenza u l-imgieba ta' Cassar. Semma li skond il-ftehim milhuq ma' Cassar, il-hlas tieghu kellu jkun ta' Lm158.70, u ghaldaqstant, qal li Cassar ghandu jaghti lill-kumpanija. Fl-ahharnett, qal li llum m'ghadhomx joperaw fil-fabbrika fejn sar ix-xoghol in kwistjoni, u l-impjant imsemmi m'ghadux fil-fabbrika.

Rat ir-relazzjoni tal-periti Dr Deborah Huber u l-Perit Joseph Ellul Vincenti li fiha semmew:

Illi l-attur qed jitlob fee li tammonta ghal Lm499.50 skond kif jidher f'Dok N u Dok O.

Illi l-partijiet jaqblu li ftehim bejniethom kien verbali u bla ma specifikaw rati ta' hlas ghalkemm x'kellu jaghmel l-attur gie ccarat sewwa.

Illi jirrizulta mix-xhieda kemm ta' l-attur kif ukoll tax-xhud principali Salvu Vellu, li l-attur lesta id-disinni necessarji, ghamel il-bill of quantities, ghamel l-applikazzjoni ghas-servizz ta' l-elettriku, kien imur darbtejn/tlieta kuljum fuq il-post u jaghmel is-supervision necessarji, meta nqalet il-problema tal-gas, mar hu stess u biddel ir-regulator u kien ikun dejjem disponibbli kull meta l-konvenut kien ikollu bzonn biex jispjegalu xi telex li kien jircievi minghand Haas, li ssuplixxiet il-magni tal-konvenut, u ghalhekk jidher lil-parti tieghu l-attur ghamilha b'certa serjeta` u galbu. L-istallazzjoni kienet lesta fiz-zmien ghalkemm xi magni damu ma gew. Fl-10 ta' Dicembru 1980 l-istallazzjoni kienet lesta. Ix-xoghol u responsabbilita` ta' l-attur suppost li waqaf hawn izda x'gara? Gara li Wafer Spreading Machine ma bdietx tahdem ghax kien hemm xi difetti fil-control cabinets u minghajr din il-magna xejn ma seta' jahdem. Il-konvenut li kien prezenti dak il-hin ra quddiemu lill-Enginier Cassar u talbu biex jara jistax isib irkabtu ta' din il-magna. Dak il-hin, fil-paniku, jidher li kulhadd nesa li l-attur ma kienx awtorizzat u fil-fatt kien ipprojbit li jqabbad il-magni u l-konvenut qal lill-attur "Inginier tajjeb bhalek ma ghandekx ghalfejn iddum biex tillokalizza l-hsara".

Nesa l-konvenut li l-illokalizzar tal-hsarat fil-magni ma kienx responsabbilita` ta' l-attur izda ta' l-Inginier Awstrijak u qabbad lill-attur biex ihaddimlu l-magna.  Dan gie kkonfermat kemm mil-attur, mix-xhud Vella u anke mill-konvenut innifsu.

Jidher li kif l-attur illokalizza l-fault fil-control board, l-unika mezz biex jikkonferma li sab il-hsara kien li jqabbad il-magna u fil-prezenza tal-konvenut, l-attur qabbad il-magna izda jidher mhux car hafna li l-magna sofriet xi hsara u tkisser is-cylinder head.

Il-konvenut qal li tkisser is-cylinder head u li kellu jgib iehor li dam hamest ijiem biex gie pero` l-attur jghid li hu ma jafx li grat hsara lis-cylinder head u x-xhud S Vella qal " li wara li telaq l-attur din il-magna bil-kumpressur b'kollox hadmet normali u ma kienx hemm bzonn ta' tiswija fuqha".

Ghalhekk il-Periti kkonkludew:

Rigward l-ewwel talba tac-citazzjoni is-sottoskritti jidhrilhom li ma kienx hemm hjiel ta' negligenza da parti ta' l-attur, li titlob tkeccija b'mod hekk offensiv specjalment li tkecca bil-pulizija quddiem nies tal-kuntrattur u ohrajn. Jirrizulta pero` li x-xoghol ta' l-attur kien lest u l-kuntratt kien esegwit kollu kemm hu.

Rigward it-tieni talba tac-citazzjoni jidher li peress illi x-xoghol ta' l-attur kien lest u l-kuntratt gie esegwit l-attur ma sofra ebda danni f'dan ir-rigward.  L-attur ghandu pero` jithallas id-dritt tieghu u dan skond kif ser jinghad hawn taht cioe`:

Dritt dovut lill-attur:

6% ghal pjanti / diagrams / sketches, etc, supervision tax-xoghol u applikazzjoni ghal-meter ta' l-elettriku, fuq somma ta' Lm2645 =Lm158.70.

Preparazzjoni tal-bill of quantities, specifications u engagement tal-kuntrattur 2% fuq Lm2645=Lm52.90.

Is-somma totali dovut lill-attur mill-konvenut Lm211.60.

Jidher li saru xi xogholijiet zghar ohra li ma haridtx car jekk dawn sarux waqt il-korsa tax-xoghol taht id-direzzjoni tal-Inginier Cassar jew kif kien soltu jaghmel il-konvenut iqabbat hu direttament lil Salvu Vella biex jaghmillu xi xoghol zghir iehor li ma kienx jirrikjedi is-supervision ta' Inginier.

Rigward it-tielet talba s-somma likwidata mis-sottoskritti tammonta ghal Lm211.60.

Rigward ir-raba' talba s-sottoskritti jidhrilhom li l-konvenut ghandu jigi debitament ihallas is-somma ta' Lm211.60.

Rat ir-relazzjoni addizzjonali tal-istess Periti Gudizzjarji:

Wara r-rikors ta' l-attur John B Cassar, datat 22 ta' Frar 2001 li kopja tieghu qed tigi hawn annessa, din l-Onorabbli Qorti laqghet it-talbiet ta' l-attur biex:

(a) il-Qorti tawtorizza lill-perit legali u tekniku jiehdu konjizzjoni tan-nota gia pprezentata mill-istess attur;
(b) Jaghmlu access fuq il-magna in kwistjoni; u
(c) Jaghmlu dawk in-notamenti addizzjonali mar-rapport qabel ma dan jinfetah.

Biex jaqdu l-inkarigu lilhom moghti, is-sottoskritti periti legali Dr Deborah Farrugia u l-perit tekniku Joseph Ellul Vincenti accedew ghall-fond cioe` factory tal-konvenut gewwa Bulebel Industrial Estate u flimkien mal-partijiet u d-difensuri taghhom identifikaw il-magna mertu ta' din il-kawza cioe` creamer machine mahduma gewwa l-Awstrija u fejn l-attur indika lill-periti l-wires li meta l-magna giet minn barra kienu maqluba u ghalhekk il-magna ma kenitx qed tahdem.

L-attur esebixxa wkoll wiring diagram tal-control panel imwahhla ma' l-istess creamer.

Il-periti raw u studjaw ukoll in-nota li l-attur ipprezenta fil-Qorti fis-6 ta' April 2000 u hadu konjizzjoni ta' dak kollu li

ntqal, specjalment ghall-parti fejn l-attur qal li kkonferma ghal darba ohra illi l-installazzjoni li kellu jaghmel hu fil-fatt kien lestiha u ghamel arrangament sabiex din l-installazzjoni l-gdida tigi rittestjata mill-EneMalta fid-19 ta' Novembru 1980. Dan jikkonferma li xoghol li sar taht is-sorveljanza ta' l-attur kien accettabbli ghal EneMalta u approvat mill-istess EneMalta.

Waqt l-access tat-13 ta' Novembru 2001, l-attur indika fuq il-post u fuq il-magna ta' din il-kawza, il-panel fejn kien hemm wires maqlubin u li hu rranga u kkonnetja tant li l-magna bdiet tahdem. Dan il-fatt qabel mieghu wkoll il-konvenut Muscat Xerri.

Il-contacts C1 u C2 f'Dok RR1 hawn attacjat kienu l-contacts li kienu faulty meta giet il-magna minn barra.

Is-sottoskritti accedew ghall-fond f'Bulebel Industrial Estate Zejtun u raw il-magna (creamer) li kienet giet difettuza minn barra u li kellha wires maqlubin u gew irrangati mill-attur, u wara li raw in-nota tal-atturipprezentata fil-Qorti nhar is-6 ta' April 2000, ighidu li m'ghandhomx xejn x'izidu ma' dak li gia ntqal minnhom fir-relazzjoni taghhom gia pprezentata fil-Qorti.

KONKLUZJONIJIET:
Illi ghalhekk il-perit legali u teknici waslu ghall-konkluzjoni li s-somma totali dovuta lill-attur kienet ta' Lm211.60 u dan wara li ezaminaw ix-xoghol tieghu ghal pjanti, diagrams, sketches, supervizjoni u xoghol iehor. Illi irrizulta li l-attur ghamel xi xogholijiet ohra zghar izda li l-Periti ma hassewx opportun li huma jillikwidaw dan l-ammont. Fin-nota tal-osservazzjonijiet tieghu l-attur insista dwar il-kumpens dovut lilu ta' dawn ix-xogholijiet izda din il-Qorti ma thossx li ghandha tvarja l-ammont likwidat mill-periti.

Illi l-Qorti tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut illi l-kuntratt ta' appalt bejn il-kontendenti gie terminat minhabba li l-attur naqas li jottempera ruhu mal-kondizjonijiet u obbligi kontrattwali u dan minhabba li irrizulta car mid-depozizzjonijiet u affidavits li saru matul il-

kors tal-kawza minn fejn jirrizulta car li ma kienx l-agir tal-attur li naqas li jottempera ruhu mal-obbligi kontrattwali tieghu izda li kienet it-tkeccija addirittura b' mod offensiv da parti ta' wiehed mill-konvenuti li wasslet biex spiccaw ir-relazzjonijiet bejn il-partijiet. Infatti ma rrizultat ebda negligenza da parti tal-attur fil-qadi tax-xogholijiet tieghu. It-tkeccija saret b' mod offensiv fir-rigward tal-attur li spicca biex tkecca mill-fabbrika bil-pulizija quddiem nies tal-kuntrattur u nies ohra. Irrizulta li f' dak l-istadju x-xoghol li kellu jaghmel l-attur kien lest u li hu kien ezegwixxa l-impenji tieghu kontrattwali mal-konvenuti u ghalhekk tichad din l-eccezzjoni. Jinghad ukoll li halkemm fit-trattazzjoni tal-kawza l-abili difensur tal-attur ipprova li jaghmel referenza ghal danni ghal malafama effettivament din it-talba ma kenitx saret fic-citazzjoni u ghalhekk il-Qorti mhix sejra tiehu konjizzjoni ta' dan l-aspett.

Fit-tieni luog il-konvenuti eccepew li stante li l-kuntratt gia ezistenti bejn il-partijiet kien dak ta' appalt l-ewwel talba ta' l-attur ghad-dikjarazzjoni illi l-inkarigu gie terminat "minghajr gusta kawza u b'mod offensiv" m'ghandha ebda bazi legali. Irrzulta kif issemma fuq li x-xoghol kien lest da parti tal-attur li kien ezegwixxa dawk ix-xogholijiet li kien intrabat ruhu li sejjer jaghmel u ghalhekk tichad din l-eccezzjoni.

Inoltre gie eccepit li jekk kien hemm xi hadd li sofra danni dawn kienu l-konvenuti bhala rizultat ta' xoghol mhux esegwit professjonalment da parti ta' l-attur. Fil-kors tal-kawza ma sarux provi dwar danni sofferti mill-konvenuti u kieku stess ma saret ebda kontro talba u ghalhekk tichad din l-eccezzjoni tal-konvenut.

Dwar it-talbiet tal-attur il-Qorti ghalhekk tiddikjara li l-konvenut ittermina l-inkarikgu ta' l-attur minghajr gusta kawza u b'mod offensiv ghall-attur u dan minhabba li effettivament irrizulta li kien il-konvenut li qabad minghajr raguni valida u b' mod offensiv u bil-pulizija kecca lill-attur.

Tiddikjara wkoll li per konsegwenza l-konvenuti kienu responsabbli ghad-danni li sofra l-attur minhabba l-agir taghhom.

Tillikwida l-istess danni fl-ammont ta' Lm211.60.

Tikkundanna lill-konvenuti nomine jhallsu lill-attur l-ammont fuq imsemmi ta' Lm211.60 bl-interessi min-notifika tal-ittra ufficjali tat-8 ta' Marzu 1983 u bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuti nomine.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------